MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 843/1999/1

**GARMENT FINISHING COMPANY LIMITED**

vs

**SUNCREST HOTELS p.l.c.**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-16 ta' April, 1999, bil-proċedura sommarja speċjali li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi talbet li l-Qorti (i) tgħaddi biex tagħti s-sentenza mingħajr is-smigħ għall-finijiet u effetti tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ii) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka biex tħallasha s-

somma ta' elf mija u sitta u tmenin lira maltija (Lm 1,186)[1] li tirrappreżenta l-bilanċ ta' prezz ta' servizzi ta' tindif ta' ħwejjeġ u ta' "*dry cleaning*" mogħtijin lilha fuq talba tagħha. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali b'seħħ minn dak inhar li ngħataw is-servizzi sal-ħlas effettiv;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta' Mejju, 1999[2], li bih tat lill-kumpannija mħarrka l-fakulta' li titħalla tikkontesta l-kawża u tatha żmien biex tressaq in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħha;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fil-31 ta' Mejju, 1999, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qajmet il-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar (artikolu 2148(a) tal-Kodiċi Ċivili) dwar l-istess azzjoni. Fil-mertu laqgħet billi qalet li ma kienx jirriżultalha li għad fadlilha xi tħallas lill-kumpannija attriċi, li għalhekk kellha tressaq provi tajba biex turi b'liema mod qiegħda tippretendi l-ħlas minnha mitlub fiċ-Ċitazzjoni;

Rat is-sentenza mogħtija minnha (diversament presjeduta) fis-16 ta' Ġunju, 2000[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-kumpannija mħarrka;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-5 ta' Frar, 2001[4], li bih ħassret il-kawża minn fuq il-listi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-28 ta' Novembru, 2001, li bih u fuq talba magħmula b'rikors tal-kumpannija attriċi fid-9 ta' Frar, 2001, reġgħet qiegħdet il-kawża fuq il-lista għas-smigħ;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Frar, 2005[5] li bih u fuq talba li saritilha mill-partijiet, tat żmien biex it-trattazzjoni tal-għeluq issir permezz ta' Noti ta' Sottomissjonijiet;

---

[1] Li jġibu € 2,762.64 fi flus tal-lum
[2] Paġ. 12 tal-proċess
[3] Paġġ. 38 sa 42 tal-proċess
[4] Paġ, 45 tal-proċess
[5] Paġ. 103 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjoni mressqa mill-kumpannija attriċi fis-17 ta' Marzu, 2005[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fis-6 ta' Mejju, 2005[7], bi tweġiba għal dik tal-kumpanija attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' servizz provdut. Il-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "GF") kienet tagħti servizz ta' tindif ta' ħwejjeġ u bjankerija lill-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "Suncrest") għal xi snin. Billi tgħid li kien għad fadal bilanċ li ma kienx tħallas, fetħet din il-kawża billi Suncrest baqgħet tisħaq li ma kienx għad fadlilha xi tħallas;

Illi għal din l-azzjoni, Suncrest laqgħet billi qalet li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar. Fil-mertu laqgħet billi qalet li hu dmir ta' GF li turi kif tassew waslet għall-konklużjoni li għad fadlilha tieħu mingħandha u kemm fis-sewwa huwa l-ammont dovut, jekk dan huwa l-każ. L-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni ma kenitx intlaqgħet b'sentenza *in parte* f'Ġunju tal-2000;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatt li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-kumpannija attriċi tagħti servizzi ta' tindif ta' ħwejjeġ, bjankerija u uniformijiet kemm b'ħasil normali u kif ukoll bi *dry cleaning* u dan kemm lil klijenti individwali u kif ukoll lil klijenti kummerċjali. Fost dawn tal-aħħar kien hemm Suncrest. Filwaqt li għall-klijenti individwali GF kienet tħaddem tariffi partikolari, għall-klijenti kummerċjali

[6] Paġġ. 105 – 8 tal-proċess
[7] Paġġ. 110 – 3 tal-proċess

kienet tħaddem rati speċjali miftehma[8]. L-arranġament bejn GF u Suncrest kien beda f'xi żmien matul l-1989 u kien jitħaddem kont kurrenti;

Illi bejn l-1993 u l-1995 kienu nqalgħu diffikultajiet dwar żidiet fil-prezzijiet li GF kienet titlob għas-servizzi mogħtija lil Suncrest. Suncrest baqgħet titlob u tingħata s-servizzi ta' GF. Fl-1996, kien sar eżerċizzju ta' tqabbil tal-kontijiet għas-servizzi li ngħataw sa tmiem l-1995[9]. Suncrest baqgħet tinqeda bis-servizz ta' GF sa Marzu tal-1997. F'Mejju tal-1997, GF interpellat lil Suncrest b'ittra uffiċjali biex tħallas il-bilanċ li kien għadu dovut minn dawk is-servizzi. F'April tal-1999, infetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jorbtu l-każ, jidher li din il-kwestjoni ddur kollha mal-linji ta' difiża li ħadet Suncrest, iżjed milli l-kwestjoni tal-prova mressqa minn GF. Il-linji ta' difiża huma (a) li GF qabdet u bidlet minn rajha r-rati tal-ħlas miftehma dwar is-servizzi li ntalbet tagħti, u (b) li kull servizz li GF tat jinsab imħallas;

Illi Suncrest torbot l-ewwel difiża tagħha ma' ftehim li sar bejnha u l-kumpannija Swan Laundry & Drycleaning f'Novembru tal-1989[10]. B'mod partikolari, tirreferi[11] għall-klawsola Erbgħa (4) tal-imsemmi ftehim li jittratta dwar il-prezzijiet tas-servizzi miftehma ma' Suncrest. Suncrest tilminta mill-fatt li GF qabdet u minn rajha bidlet il-prezzijiet mingħajr qbil magħha u minn wara daharha u bdiet unilateralment tiffattura tariffi aktar minn dawk stabiliti fl-imsemmi ftehim għal servizzi li kienet qiegħda tagħti lil Suncrest[12];

Illi, fl-ewwel lok, wieħed irid joqgħod b'seba' għajnejn qabel ma jaqbad u jsemmi l-kitba tal-1 ta' Novembru, 1989, f'dan il-każ. Dan qed jingħad għaliex dak il-ftehim ta' servizz sar bejn Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Limited u Suncrest, u GF ma kinitx dehret fuq dak il-

[8] Xhieda ta' Joseph Mifsud 15.11.1999, f'paġ. 22 tal-proċess
[9] Dok "GF1", f'paġ. 27 tal-proċess
[10] Dok "MC1", f'paġġ. 89 sa 96 tal-proċess
[11] Ara §§ 4 sa 6 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġġ. 111 – 2 tal-proċess
[12] Xhieda ta' Joseph Gouder 29.5.2003 u ta' Mario Attard 13.5.2004, f'paġġ. 69 u 83 tal-proċess

ftehim, li għalhekk, għaliha, kien *res inter alios acta*. Hemm xhieda li turi li hemm rabta bejn Swan u GF[13], iżda ma ntweriex li m'humiex żewġ korpi b'personalita' ġuridika għalihom. F'kull każ, jidher li GF innifisha tirreferi għall-ftehim tal-1 ta' Novembru, 1989, bħala l-ftehim li fuqu kellhom jirregolaw irwieħhom il-partijiet fir-rapporti kummerċjali ta' bejniethom[14];

Illi, madankollu, minkejja li jista' jkun li GF kienet daħlet fil-vesti tal-kuntrattur minflok Swan Laundry fuq l-imsemmi ftehim, il-kwestjoni tat-tariffi mitluba għas-servizzi ta' tindif ta' ħwejjeġ u bjankerija msemmija fir-raba' klawsola ta' dak il-ftehim ma tidhirx li hija kif tpinġiha Suncrest. Kemm hu hekk, il-prezzijiet maqbula kellhom jibqgħu kif imsemmija u iffissati fl-appendiċi mehmuż mal-ftehim biss sa Diċembru tal-1990. Wara dik id-data, il-kuntrattur kellu l-jedd li jibdel dawk il-prezzijiet x'ħin irid, imbasta jagħti lil Suncrest avviż ta' tlitt (3) xhur bil quddiem u bil-miktub bil-ħsieb li l-prezzijiet sejrin jinbidlu. F'każ fejn iż-żieda fil-prezzijiet kienet dettata minn żieda fis-salarji tal-impjegati tal-kuntrattur, Suncrest lanqas biss kellha l-jedd li topponi għal dik iż-żieda. Mill-provi mressqa, jidher li dawn l-avviżi kienu jingħataw lil Suncrest minn żmien għal żmien u kienu saħansitra jitfissru kull meta Suncrest kienet titlob kjarifika biex jintwera għaliex u b'kemm kellha titla' ż-żieda fil-prezzijiet;

Illi, fit-tieni lok, jirriżulta li l-ħlas li GF qiegħda tippretendi f'din il-kawża jirreferi għal servizzi li hija tat lil Suncrest matul il-perjodu bejn nofs l-1996 u Marzu tal-1997[15]. Sa qabel dak iż-żmien, GF kienet għolliet għadd ta' drabi t-tariffi tas-servizzi li kienet tagħti lil Suncrest. Ma hemmx l-ebda dubju lanqas li bejn l-1990 u l-1996, is-salarji tal-impjegati ta' GF għolew ukoll kif tjiebu s-salarji tal-impjegati kollha b'mod ġenerali. Ma ntweriex li Suncrest qatt irrifjutat dawk is-servizzi, tant li baqgħet titlobhom sa Marzu tal-1997, minkejja ż-żidiet fit-tariffi. Għalhekk, għalkemm jidher li kien hemm korrispondenza u laqgħat bejn il-partijiet dwar il-bdil fil-prezzijiet, dan waħdu ma

[13] Ara d-Dokti "GF2" u "GF3", f'paġġ,. 28 – 9 tal-proċess
[14] Ara Dok "GF4", f'paġ. 32 tal-proċess
[15] Ara fol. 401 sa 470 tal-*Ledger Printout* Dok "GF" mehmuż man-Nota tat-8.8.2001, f'paġ. 50 tal-proċess

jistax ikun raġuni tajba biex Suncrest teħles mir-rabta tagħha li tħallas għal dak is-servizz li ngħatat. Il-Qorti tqis il-fatt li GF għażlet li taġġusta l-ammont minnha pretiż u tat lil Suncrest "*price increase writeoff*" wara laqgħat li saru bejnha u Suncrest, huwa għażla ekonomika li GF dehrilha li kellha tagħmel u mhux stqarrija li hija kellha xi ħtija jew nuqqas f'dak li talbet;

Illi fir-rigward tad-difiża l-oħra ta' Suncrest, din tammonta għall-eċċezzjoni tal-ħlas (l-*exceptio soluti*). Mit-tieni eċċezzjoni u kif ukoll mix-xhieda mressqa[16] jidher li Suncrest qiegħda tallega li ħallset kulma kien minnha dovut. Din l-eċċezzjoni hija waħda mit-toroq li bihom id-debitur ta' obbligazzjoni jista' jagħżel biex jilqa' għat-talba għall-eżekuzzjoni ta' dik l-istess obbligazzjoni min-naħa tal-kreditur. Fiha nfisha, dik l-eċċezzjoni timplika s-siwi tal-obbligazzjoni[17] u t-twettiq tagħha min-naħa tad-debitur[18]. Billi l-ħlas huwa wieħed mill-modi magħrufa mil-liġi[19] kif jintemmu l-obbligazzjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ħlas, jekk tirnexxi, ġġib magħha ċ-ċaħda tal-pretensjoni tal-kreditur li jibqa' jinsisti għall-ħlas (jiġifieri t-twettiq tal-obbligazzjoni). Minħabba f'hekk ukoll – apparti mill-applikazzjoni tal-massima proċedurali li min jallega jrid jipprova – meta d-debitur jallega l-ħlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-każ, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Biex tali eċċezzjoni tilħaq l-għan tagħha, jeħtieġ ukoll li jintwera li l-ħlas ikun sar lil persuna li tassew kienet awtorizzata bil-liġi li tirċevih[20]. Hekk sa minn dejjem kien miżmum mill-Qrati f'materja bħal din;

Illi r-riċevuta hija l-aqwa prova tal-ħlas, u fin-nuqqas ta' prova bħal din titnissel il-preżunzjoni li l-ħlas ma jkunx tassew seħħ. Jeżistu modi oħrajn, madankollu, kif jista' jintwera bi prova oħra xierqa li l-kreditu tal-kreditur ikun tħallas[21];

---

16 Xhieda ta' Joseph Gouder 29.5.2003 u Henri Mattocks 16.2.2004, f'paġġ. 69 u 78 tal-proċess
17 Art. 1147(1) tal-Kap 16
18 Art. 1146 tal-Kap 16
19 Art. 1145(a) tal-Kap 16
20 P.A. **14.3.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Montanaro Gauċi noe et*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.930)**
21 P.A. **23.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Darmanin vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.776**) u App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Chetcuti et vs Pearson et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.317** a fol. 322 – 3)

Illi Suncrest jidher li ssejjes l-eċċezzjoni tagħha fuq il-fatt li kienet saret rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet tal-kont kurrent u ntlaħaq qbil bejniethom dwar l-ammont pendenti, liema ammont Suncrest ħallset għas-saldu. GF ma tmerix li fis-sewwa kienet saret din ir-rikonċiljazzjoni, iżda tgħid li dik ir-rikonċiljazzjoni kienet waħda unilaterali li qatt ma ssarrfet fi ftehim formali bejn il-partijiet (fatt li jikkonfermah ukoll xhud ta' Suncrest innifisha[22]) u li, f'kull każ, kienet tirreferi għal servizzi mogħtijin bejn l-1989 u l-1995[23]. Diġa' ngħad li s-servizzi li dwarhom GF qiegħda tressaq din il-kawża saru fis-snin ta' wara d-dati msemmija fir-rikonċiljazzjoni;

Illi wara li l-Qorti qabblet b'reqqa d-dokumentazzjoni mressqa miż-żewġ partijiet u ħaddmet il-prinċipji ta' dritt li jirrigwardaw eċċezzjoni bħal din, hija tasal għall-fehma li Suncrest ma seħħilhiex turi li tassew ħallset kulma messha tħallas lil GF. Il-bilanċ li GF qiegħda titlob ma jidher minn imkien li tassew tħallas, ukoll jekk jista' jkun li l-ħlas tal-ammont dovut skond ir-rikonċiljazzjoni sar f'Marzu tal-1997;

Illi, għall-kuntrarju, tressaq dokument ġenerat minn Suncrest f'Jannar tal-1997[24] li juri li dik il-kumpannija kienet qiegħda taċċetta li hija debitriċi ta' GF (minbarra li kienet debitriċi wkoll ta' Swan Laundry) u li kienet qiegħda tistenna li jsir qbil dwar il-mod kif dak id-dejn jinqata' bi ħlasijiet b'rati. Stqarrija bħal din tfisser biss li Suncrest kienet qiegħda taċċetta li kien għad fadlilha tħallas u tmur għal kollox kontra l-eċċezzjoni tal-ħlas;

Illi biex ikun ingħad kollox, waqt l-għoti tax-xhieda min-naħa ta' Suncrest, tqanqlet ukoll il-kwestjoni tal-inadempiment min-naħa ta' GF[25]. Ladarba ma tressqitx eċċezzjoni formali f'dan is-sens u ladarba li ma tressqu l-ebda provi minn Suncrest biex isejsu din l-allegazzjoni, l-Qorti m'hijiex sejra tqis l-ilment, ukoll minħabba l-fatt li ma

[22] Xhieda ta' Mario Attard 13.5.2004, f'paġ. 84 tal-proċess
[23] Ara Dok "GF1", f'paġ. 27 tal-proċess
[24] Dokti « GF5 » u « MC3 », f'paġġ. 34 u 98 tal-proċess
[25] Xhieda ta' Joseph Gouder 29.5.2003, f'paġ 69 tal-proċess

jidhirx li huwa tant kompatibbli mal-eċċezzjoni li sar il-ħlas ta' kull servizz li ngħata;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba attriċi** u dan fid-dawl tad-degriet mogħti fis-26 ta' Mejju, 1999;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' elfejn seba' mija u tnejn u sittin euro u erbgħa u sittin ċenteżmi (€ 2,762.64) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' servizzi ta' *laundry* u *dry cleaning* mogħtija lill-kumpannija mħarrka, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-28 ta' Mejju, 1997, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż kollha tal-kawża**, magħdudin dawk marbuta mas-sentenza preliminari tas-16 ta' Ġunju, 2000.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------